ŻEBBUĠ

<u>Minuti</u> **tas-Seduta Nru. 07/12**
***Kienet addottata Aġenda nru. 05/2012***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 19 ta' Ġunju 2012**

**Ħin: Fis-5.45 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Għal din il-parti tal-laqgħa, kien preżenti wkoll il-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn.

Wara diskussjoni fit-tul, ġie deċiż li l-iskart imħallat jibda jinġabar kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd fit-8.00am miż-Żebbuġ u minn Marsalforn u l-borża l-griża tibqa' tinġabar it-Tlieta u l-Ħamis fil-11.00am jibda minn Marsalforn.

Iċ-Chairperson qalet ma taqbilx li ż-żibel minn Marsalforn jinġabar fil-ħinijiet ta' filgħodu.

Ġie deċiż li jitqassam avviż f' kull *household* bil-posta.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU. 05-06/12

Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 05/12 u 06/12 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU. 05-06/12

**Seduta nru. 05/12**

Il-Kunsillier Joseph Camilleri staqsa dwar il-kwistjoni tal-onorarja żejda li kien ħa l-eks Sindku Carmelo Saliba.
Is-Segretarja Eżekutiva qalet li kienet bagħtet l-ittra lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali pero' din l-ittra kien għadha ma ġietx imwieġba.
Is-Segretarja Eżekuttiva tat rendikont tal-onorarja żejda li kien ħa Carmelo Saliba.

**Seduta nru. 06/12**

Ma tqajjmux punti minn dawn il-minuti.

## 4. MINUTI – KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN BIN-NRU. 29/12 U 30/12

Il-minuti tal-laqgħat bin-nru. 29/12 u 30/12 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

Dwar il-kwistjoni tal-karrijiet tal-Karnival, kien maqbul li l-parteċipanti kollha li kellhom karru jingħataw premju ta' €100 u dawn iċ-ċekkijiet jitqassmu fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill.

## 5. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Komunikat mibgħut mill-Uffiċċju ta' Eko-Għawdex, Ministeru għal Għawdex dwar l-iffirmar tal-ftehim tal-proġett ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq iż-Żebbuġ.

Ittra mibgħuta mid-Direttorat ta' Eko-Għawdex dwar il-proġett Ġnien it-Tlett Għoljiet.

Ittra mibgħuta mill-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar ħlas dovut lill-Awtorita' fir-rigward tal-permess Ġnien it-Tlett Għoljiet. Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €412.94 dovuta lill-MEPA.

Memo 26/2012 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-European Mobility Week – Car Free Day 2012, kompetizzjoni għall-Kunsilli Lokali: 'Moving in the Right Direction!' Il-Viċi Sindku ħa l-inkarigu li jifformola proposta għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku ssospenda l-aġenda biex indirizza l-Kamra Louis Zammit.

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li Louis Zammit qiegħed jitlob biex titwassa' l-bankina eżistenti ta' quddiem Seagulls Snack Bar fi Triq ix-Xwejni u ssir *pedestrian crossing* quddiem l-istess *snack bar*. Ġie deċiż li ssir talba mill-ġdid lil Transport Malta.

Komunikat mibgħut minn Publio Vassallo dwar wirja ta' karozzi mill-Malta Mini Owners Club fiż-Żebbuġ. Il-Kunsill irrifjuta li jagħti sponsor għal din il-wirja.

Il-Kunsillier Refalo rtira mill-kamra tal-laqgħat.

Ittra mibgħuta mill-Av. Carmelo Galea dwar ħlasijiet dovuta mill-Kunsill fir-rigward tal-kawża 'Anthony Mercieca vs Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ'.
Il-Kunsill approva l-pagament ta' €2,373.81 lill-Av. Galea.

Ittra mibgħuta mill-Uffiċċju Legali tal-Ministeru għal Għawdex dwar ħlas dovut lid-Dipartiment Proġetti u Żvilupp fir-rigward tal-kawża 'Anthony Mercieca vs Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ'.
Il-Kunsill approva pagament ta' €392.37 lid-Dipartiment Proġetti u Żvilupp.

Ittra ta' Salvu Camilleri fejn talab biex jitħammel ġibjun li kien sar mill-Gvern Ċentrali fir-raba' tal-familja tiegħu fil-limiti ta' Triq Għajn Mhelhel. Il-Kunsill approva t-talba ta' Camilleri; jagħmel ix-xogħol Joseph Cefai.

Ittra ta' Christian Cassar fejn talab biex jitnaqqas is-*single line* li kien sar fi Triq Sant' Indrija u minflok issir *parking bay*. Ġie deċiż li ssir reviżjoni tal-pjanta.

Komunikat mibgħut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fi proġetti dwar l-enerġija u tibdil fil-klima skont sejħa li kienet se ssir mill-PPCD. Il-Kunsill qabel li jibgħat juri l-interess tiegħu.

Komunikat mibgħut mill-Kumitat Reġjonali għal Għawdex dwar il-laqgħa ġenerali annwali tal-European Regions for Youth Network. Il-Kunsill se jinnomina żagħżugħ/a biex jifforma parti minn tim loġistiku u mill-organizzazzjoni ta' din il-konferenza.

Ittra mibgħuta mill-awtur tal-ktieb 'When the Siren Wailed'. Il-Kunsill qabel li jakkwista kopja ta' dan il-ktieb.

Ittra mibgħuta mill-Moviment Edukazzjoni Kultura Xogħol Żebbuġ dwar proġett propost mill-Moviment li jittratta t-teħid ta' film dwar il-lokalita' taż-Żebbuġ maħdum miż-Żebbuġin – Skema tal-Uffiċċju tal-President ta' Malta. Il-Kunsill qabel li jidħol *partner* f' dan il-proġett.

Komunikat mibgħut mill-Beach Cleaning Section dwar xogħlijiet li hemm bżonn isiru fil-Bajja tax-Xwejni. Il-Kunsill ftiehem li tintalab stima tax-xogħol lil Joseph Cefai u jekk l-istima tiegħu tkun raġjonevoli, ix-xogħol jingħata lil Cefai.

Il-Kunsill approva stima ta' xogħol ta' Richard Axiaq għal xogħol ta' twittija u taħmil ta' ġebel fit-triq ta' Wied l-Abjad (€295).

| **Applikazzjoni għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| Gozo Adventures<br>Logħob fil-Bajja tax-Xwejni nhar is-6 ta' Lulju 2012. | Approvata |

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Iċ-ċedola tal-pagamenti skeda nru. 03/2012 – DOK A kienet approvata.

## 7. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI

PROVVISTA U ĠARR TA' *GROUND RECESSED LUMINARIES*

Ir-rapport ta' Galea Curmi Engineering Consultants dwar l-offerti mitfugħa ttieħed bħala moqri.
Il-Kunsill qabel li l-Kuntratt għal provvista u ġarr ta' *ground recessed luminaries* jingħata lil MCE Ltd (Proposal A) li kienet l-irħas offerta li tissodisfa l-kriterji mitluba (skont ir-rapport tal-Inġiniera).

RIKOSTRUZZJONI U KOSTRUZZJONI TA' ĦITAN TAS-SEJJIEĦ FI TRIQ IŻ-ŻEBBUĠ

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienu ntefgħu erba' offerti għall-kuntratt ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq iż-Żebbuġ. Hi qalet li l-offerti huma ta', bil-valur ta':

| | |
|---|---|
| Road Construction Co Ltd | €74,802 |
| Emanuel Sultana | €60,657.33 |
| J Portelli Projects | €73,410 |
| Gatt Tarmac Ltd | €141,235.48. |

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport tal-Perit dwar l-offerti mitfugħa.
Il-Kunsill għażel l-offerta ta' J Portelli Projects li kienet it-tieni l-irħas offerta. Ir-rati li huma obbligatorja tal-irħas offerta ma kienux mimlija kollha. Is-Sindku qal importanti li jintuża biss ġebel tal-qawwi u ma jintefax ġebel fi Triq iż-Żebbuġ.

ŻAMMA U MANUTENZJONI TA' TOROQ URBANA U TOROQ MHUX URBANA

Il-Kunsill qabel li jagħmel sejħa għall-offerti bix ikunu jistgħu jsiru ċertu xogħlijiet żgħar (il-ħlas ikun bis-siegħa) u għal kiri ta' makkinarju.

Il-Kunsilliera Saliba semmiet ċinta tal-konkos li kien ħa l-maltemp fil-Bajja tal-Qbajjar.

## 8. IT-TRIQ TA' MILIED

Kien maqbul li jinqata' l-qasab li hemm fit-triq ta' Milied; jagħmel ix-xogħol Fredu Attard.

Il-Kunsill ftiehem li jissaqqew is-siġar taż-żebbuġ ta' Triq iż-Żebbuġ.

## 9. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

Ilment 30/2012 – Manuel Sultana
Talab biex jinżabru s-siġar tal-bruk li hemm fi Triq il-Batterija u Triq ix-Xwejni. Ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Ilment 31/2012 – Victor Refalo
Għandu talba biex titwaħħal lampa ġdida maġenb il-gabbana ta' Cini fil-Bajja tax-Xwejni. It-talba kienet approvata.

Ilment 32/2012 – Ġeraldu Axiaq
Talab biex isir xogħol ta' traqqiegħ fi Triq Ta' Żuki u fil-bidu tal-iskoll tax-Xwejni jsiru tip ta' barrikati biex ikun evitat li jaqbżu karozzi fl-iskoll. Ġie deċiż li jsir *rail* tal-i*stainless steel* .

Ilment 33/2012 – Peter Pasclike
Talab biex jerġa' jinbena lqugħ imwaqqa' l-fuq minn Vigo Crt fi Triq il-Ponta u jitnaddaf is-sit. Ġie deċiż li naraw ta' min hi l-art.

Ilment 34/2012 – Fredu u Vitor Axiaq
Qed joġġezzjonaw għall-proġett propost ta' *picnic area* u *belvedere* fl-inħawi ta' Ras ir-Reqqa minħabba li għandhom is-salini fl-inħawi.

Ilment 35/2012 – Jane Dimech
Talbet biex jinkesa bis-sejjieħ ħajt ta' għalqa mibni bil-kantun fi Triq il-Knisja u tiswija tal-bankina quddiem l-istess sit. Il-Kunsill approva t-tiswija tal-bankina; jagħmel ix-xogħol Joseph Cefai.

Ilment 36/2012 – Adelina Cini

Tinżabar siġra fi Triq Għajn Mhelhel. Iż-żbir tas-siġra jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Ilment 37/2012 – Fr Mark Demanuele
Talab biex titwaħħal lampa ġdida quddiem Dar Stella Maris fi Triq Mons Ġużeppi De Piro. Il-Kunsill approva li titwaħħal lampa ġdida.

## 10. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill iddeċieda li jordna sitt tabelli juru 'Il-ħmieġ għandu jinġabar minn sid il-kelb'.

## 11. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna *sine die*.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |